MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2012

Mandat Numru. 393/2012/1

**Fl-Atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 393/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Matthew Caruana (ID 398983M)**

***kontra***

**Joseph Zahra maghruf bhala D J Commander Jay (ID 545075M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrent fit-23 ta` Marzu 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jaghmel uzu tal-isem "Boogie Night" u/jew kull isem iehor li jinkludi dawn l-istess kliem fin-negozju tieghu jew fil-promozzjoni ta` attivitajiet ta` zfin u intratteniment, inkluz bhala l-isem jew parti ta` isem ta` xi socjeta` jew organizazzjoni li qed tigi stabbilita.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrent mar-rikors tieghu.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta` Marzu 2012 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-27 ta` Marzu 2012 fl-10.30 a.m., u fejn b`applikazzjoni tal-Art.875(1) tal-Kap.12, tat lill-intimat sas-26 ta` Marzu 2012 fit-3.00 p.m. sabiex jipprezenta risposta..

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2012 fejn, wara talba mir-rikorrent, u ghar-ragunijiet li semma r-rikorrent waqt l-istess udjenza, ordnat il-hrug provvizorju tal-Mandat li kellu jibqa` effettiv tat-3.00 p.m. tat-Tnejn 2 ta` April 2012.

Rat illi wara li kien debitament notifikat bl-atti promotorji, l-intimat ipprezenta risposta fit-30 ta` Marzu 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab lill-Qorti sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta` April 2012.

Semghet ix-xiehda ta` John Richards (bhala rapprezentant tal-Kontrollur tal-Propjeta` Industrijali) u tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn estendiet l-esekuzzjoni provvizorja tal-Mandat sal-4 ta` April 2012 f`nofsinhar.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` April 2012 fejn halliet ir-rikors sabiex jigi dekretat *in camera*.

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**Art.873(1) tal-Kap.12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**Art.873(2) tal-Kap.12** –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri **zewg hwejjeg** biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' dan il-Mandat -

**Fl-ewwel lok**, irid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi.

**Fit-tieni lok**, irid ikun jidher almenu mad-daqqa t`ghajn (*prima facie*) illi ghandu dawk il-jeddijiet.

Dwar ir-rekwizit li "r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza ***Grech pro et noe vs Manfre`*** qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Minn kliem il-ligi stess fl-Art.873(1) u (2) tal-Kap.12, huwa evidenti illi **z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Ghalhekk jekk xi wiehed miz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-mandat.

Tajjeb jinghad illi l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti dak li jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli**. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef **darba ghal dejjem** jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Dwar ir-rekwizit tal-*hsara rrimedjabbli,* din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fir-Rikors Nru.1935/09 fl-ismijiet ***Ohanebo et noe vs Il-***

***__Kummissarju tal-Pulizija__*** dekretat fil-18 ta' Dicembru 2009 qalet hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor.* ***__Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat__***.

**Ikkunsidrat** :

Kif hareg anke mid-deposizzjoni tieghu, il-pretensjoni tar-rikorrent hija li huwa organizza ghadd konsiderevoli ta` serati ta` zfin u ta` intratteniment li kienu jinvolvu musika u zfin tal-istil *Boogie* u semma` dawn is-serati bhala *Boogie Nights.*

Isostni r-rikorrent illi fil-kuntest ta` pajjizna, l-organizzazzjoni ta` dawn is-serati bl-isem *Boogie Nights* hija assocjata mieghu biss u allura jikkontendi li bil-fatt illi fis-7 ta` April 2012 l-intimat sejjer jorganizza gol-gzira ta` Ghawdex serata ta' musika u zfin tal-istil *Boogie* u semmieha *Boogie Night* huwa kien qieghed johloq konkorrenza sleali fil-konfront tieghu.

Kompla jsostni wkoll r-rikorrent illi huwa ressaq applikazzjoni lill-Kontrollur tal-Propjeta` Industrijali sabiex il-kliem *Boogie Nights* ikun rikonoxxjut bhala *trademark* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u allura jkun abbinat mal-attvita` kummercjali tieghu fil-qasam ta` l-*entertainment* (ara  DOK JR1)  u allura ad uzu esklussiv tieghu.

Min-naha tieghu, l-intimat jikkontesta fattwalment u b`argumenti ta` natura legali l-pretensjonijiet tar-rikorrent.

Fid-deposizzjoni tieghu, John Richards mid-Direttorat ghar-Registrazzjoni tal-Propjeta` Industrijali xehed illi fis-26 ta` Settembru 2011, ir-rikorrent applika ghar-registrazzjoni ta` *trademark* li turi l-kliem *boogie nights* skond kif tidher fid-DOK JR1 li esebixxa.

Sond l-istess xhud, fit-2 ta` April 2012, id-Direttorat wiegeb lir-rikorrent hekk (ara DOK JR2) –

*The above mark will be registered if you ... agree that registration gives no right to the exclusive use of the words "Boogie" and "Nights" except as distinctively reproduced.*

Huwa ben evidenti mid-deposizzjoni ta` John Richards illi lir-rikorrent ma kienx rikonoxxjut id-dritt ghall-uzu esklussiv tal-kliem "*Boogie Nights*" izda kien rikonoxxjut lilu d-dritt li dak il-kliem jigi prezentat **bil-mod u skond** l-applikazzjoni DOK JR1.

Id-deposizzjoni tar-rapprezentant tad-Direttorat b`ebda mod ma swiet lir-rikorrent biex issostni l-pretensjoni tieghu illi l-uzu tal-kliem *Boogie Nights* huwa distintiv tal-attivita` kummercjali pratikata minnu.

**Hija fehma ta` din il-Qorti illi mill-assjem tal-provi akkwiziti ma tirrizultax il-prova, lanqas mad-daqqa t`ghajn, illi, indipendentement mill-fehma tad-Direttorat, l-uzu ta` l-kliem *Boogie Nights* minn terzi fosthom l-intimat jikkostitwixxi konkorrenza sleali fil-konfront tar-rikorrent, kif pretiz mill-istess rikorrent.**

Huwa pacifiku illi l-*boogie* huwa *a repetitive, swung note or shuffle rythmn, "groove" or pattern used in blues which was originally played on the piano in boogie-woogie*

*music* (**ara Wkipedia, The Free Encyclopedia fuq l-internet**).

Il-fatt illi r-rikorrent organizza **almenu** tliet serati ta` musika *boogie* (DOK BN1 sa DOK BN3) u sejhilhom *boogie nights* la jaghmel il-kliem *boogie nights* ta` uzu esklussiv tieghu anke fil-kuntest ta` pajjizna u lanqas izomm lil haddiehor bhall-intimat milli jorganizza serati simili. Aktar u aktar fil-kaz tal-lum, meta hija ghal kollox infondata l-pretensjoni ta` konkorrenza sleali avvanzata mir-rikorrent ghaliex kif jirrizulta evidenti mid-DOK BN4 esebit mir-rikorrent innifsu, is-serata organizzata mill-intimat tipprezenta *logo* ghal kollox differenti minn dik li kien ipprezenta ruhu bih ir-rikorrent fis-serati illi nieda hu, u fuq kollox dik tal-intimat ma ghandhiex tohloq konfuzjoni anke ghaliex il-kliem shih uzat mill-intimat kien *The Gozo 70s Boogie Night.*

Ghalhekk hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti li r-rekwizit tad-dritt *prima facie* ma jissussistix.

Ladarba l-ewwel rekwizit ma jirrizultax u ladarba z-zewg rekwiziti huma kumulattivi (u mhux alternativi) din il-Qorti hija *ex lege* prekluza milli tohrog il-Mandat.

Ghalhekk fic-cirkostanzi ma tarax il-htiega illi tghaddi ghall-analizi tal-prova tas-sussistenza tat-tieni rekwizit.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda -**

**1) Tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimat.**

**2) Tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti taghha precedenti fejn jew laqghet inkella estendiet**

**provvizorjament it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat.**

**3) Tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------